Dok 47.

85/23RGM

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**(sede Kostituzzjonali)**

REGISTRY SUPERIOR COURT No: 3238 2 FEB 2023 PAID

Prin: 60
Orig: 100
2D: 12.00
2R: 2.40
€ 174.40

**Karl Cini (KI 0136975M)**

**v**

**L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati; u**

**Ic-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici**

Rikors Kostituzzjonali ta' Karl Cini (KI 0136975M).

Jesponi bir-rispett:

Illi fl-20 ta' Marzu, 2021, l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzat b'diversi reati, fosthom ir-reat ta' hasil ta' flus kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-6 ta' April, 2021 l-esponent nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Illi l-istruttorja fil-kawza fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et* ghadha llum pendenti peress li l-prosekuzzjoni ghadha fl-istadju tal-gbir tal-provi.

Illi, a parti dan il-kaz, l-esponent qed jigi investigat fuq kazijiet ohra, inkluz dwar ir-rwol tieghu in konnessjoni mal-kuntratt moghti lill-Eletrogas Malta Ltd.

Illi permezz ta' ittra mibghuta mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, l-esponent intalab jaghti x-xiehda tieghu fil-31 ta' Jannar, 2023 dwar rapport ta' l-Awditur Generali intitolat *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation* datat Novembru, 2018.

Illi ma' din l-ittra giet mibghuta kopja tal-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives*, Parliament of Malta.

Illi waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2023, l-avukat ta' l-esponent spjega lill-imsemmi Kumitat li l-patrocinat tieghu kien ser jinvoka d-dritt tas-silenzju. Ir-raguni minnu moghtija kienet li r-rwol ta' l-esponent fir-rigward tal-materja investigata mill-Awditur Generali tifforma wkoll il-meritu ta' inkjesta jew inkjesti magisterjali fejn huwa involut formalment bhala suspettat.

Illi dakinhar ic-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici talab lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jaghti *Ruling* dwar jekk l-esponent seghtax jinvoka l-imsemmi dritt tas-silenzju. Permezz ta' *Ruling* moghti fis-Seduta 84 ta' l-1 ta' Frar, 2023, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati irritjena, *inter alia*, li *"xhud jista' ma jwegibx meta ikun imputat b'reat kriminali relatat ghall-materja li tkun qed tigi diskussa, f'liema kaz jinvoka d-dritt tas-silenzju, jew meta bi twegiba li jaghti jkun se jinkrimina lilu nnifsu"*.

Illi l-esponent rega' gie mitlub mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici sabiex jaghti x-xiehda tieghu fis-7 ta' Frar, 2023. Fuq talba ta' l-esponent minhabba indisposizzjoni, is-seduta giet posposta ghall-14 ta' Frar,

2023. Dakinhar ic-*Chairperson* tal-Kumitat wissa' lill-esponent li r-*Ruling* ta' l-1 ta' Frar, 2023 kien car u ma kienx jippermettilu jinvoka d-dritt tas-silenzju u li l-kontenut tar-*Ruling* ma setghax jigi dibattut. L-avukat ta' l-esponent spjega li filwaqt li kien qed izomm ferm mal-posizzjoni spjegata fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2023, huwa kien ser jinvoka d-dritt tas-silenzju ghal zewg ragunijiet ohra li kienu jinkwadraw fir-*Ruling* imsemmi. L-avukat ta' l-esponent spjega li, fl-ewwel lok, peress li fl-akkuzi meritu tal-proceduri kriminali fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et* ir-reat sottostanti ghar-reat ta' hasil ta' flus ma kienx gie specifikat u peress li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu ghadhom ma nghalqux, ma setghax jigi eskluz li l-atti ta' l-inkjesta magisterjali fejn huwa involut formalment bhala suspettat jigu prodotti mill-istess prosekuzzjoni bhala prova. Fit-tieni lok, uhud mir-risposti ipotetici ghad-domandi posti mill-Kumitat fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2023 seta' jkollhom impatt dirett fuq il-meritu tal-proceduri msemmija fid-dawl tal-provi gja` prodotti mill-prosekuzzjoni.

Illi, a bazi tal-premess u a bazi wkoll ta' l-artikoli 4 u 25 tal-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives*, Parliament of Malta, ic-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici talab lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jaghti *Ruling* fit-termini ta' l-artikolu 11 ta' l-*Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati* (Kap 113 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz ta' *Ruling* moghti fis-Seduta 90 tal-15 ta' Frar, 2023, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati rritjena, *inter alia*, li jhoss *"illi s-Sur Karl Cini rrenda ruhu hati ta' prima facie ksur ta' privilegg u dan bi ksur tal-artikli 8 u 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113"*.

Illi f'dan ir-*Ruling* l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ta l-ahhar opportunita` lill-esponent biex jirregola ruhu ma' l-istess *Ruling*. Ghal dan il-ghan l-esponent rega' gie mitlub mill-iskrivana tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici sabiex jaghti x-xiehda tieghu fit-22 ta' Frar, 2023.

Illi jinghad ukoll bl-akbar rispett li z-zewg intimati ma humiex godda ghal-lezjoni tad-dritt fondamentali sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea - bid-differenza li filwaqt li f'kazijiet precedenti l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici ghazel li jistenna l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali, fil-kaz ta' dan il-Kumitat, ma ttiehdet ebda prekawzjoni simili fir-rigward ta' xhud iehor li ghamel l-istess lament. Dak ix-xhud intavola kawza kostituzzjonali li ghadha llum pendenti.

Illi, fil-kaz ta' l-esponent, giet riskontrata htija ta' *prima facie* ksur ta' privilegg bhala konsegwenza tal-fatt li huwa nvoka d-dritt fondamentali tieghu tas-silenzju u dan nonostante li l-kawza kostituzzjonali msemmija iktar 'il fuq fuq punt kwazi identiku ghadha ma gietx deciza.

**1. ksur tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi, kif inghad, bir-*Ruling* ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' l-1 ta' Frar, 2023, gie ritenut, *inter alia*, li kull xhud li jigi msejjah jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li ma jkollu l-ebda akkuzi fil-konfront tieghu in konnessjoni mal-materja li tkun qed tigi trattata mill-istess Kumitat, ghandu jitla' quddiem il-Kumitat biex jirrispondi ghad-domandi li jsirulu izda ma jistax jigi kostrett jirrispondi dawk id-domandi li jistghu jinkriminawh.

Illi jirrizulta li dan ir-*Ruling* huwa msejjes fuq tlett sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti kienu jew seta' kellhom akkuzi fil-konfront taghhom in konnessjoni mal-materja li kienet qed tigi trattata mill-istess Kumitat. U ghalhekk, f'dawn it-tlett kawzi, il-Qorti Kostituzzjonali indirizzat il-

vertenzi li kellha quddiema dakinhar. Dik il-Qorti fl-ebda mument ma ghamlet xi dikjarazzjoni dwar xhud li seta' kien suspettat in konnessjoni mal-materja li kienet qed tigi trattata mill-Kumitat dak iz-zmien. Dan m'ghamlitux ghaliex hadd mir-rikorrenti ma kien suspettat – ir-rikorrenti kienu formalment akkuzati u mhux semplicement suspettati.

Illi jidher li fir-*Ruling* tieghu ta' l-1 ta' Frar, 2023 l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ghamel sillogizmu zbaljat fis-sens li galadarba d-dritt tas-silenzju ma giex estiz ghal persuni suspettati in konnessjoni mal-materja li kienet qed tigi trattata mill-Kumitat dak iz-zmien, allura tali dritt ma setghax jigi estiz ghal persuni li ma kienux formalment akkuzati in konnessjoni ma' dik il-materja. Jinghad bl-akbar rispett li din hija konkluzjoni fallaci ghall-ahhar. Huwa ben risaput li d-dritt tas-silenzju jiskatta appena jkun hemm suspett ragonevoli li persuna tkun ikkommettiet reat kriminali.

Illi dan qed jinghad bla pregidizzju ghall-fatt li, kif inghad, l-esponent jinsab effettivament akkuzat bir-reat ta' hasil ta' flus fi proceduri kriminali pendenti u r-reat sottostanti ta' dan ir-reat ma giex specifikat mill-prosekuzzjoni fl-akkuzi. Dan necessarjament ifisser li, in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali, ix-xiehda ta' l-esponent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici tista' tintuza mill-prosekuzzjoni fil-kawza kriminali pendenti fil-konfront tieghu, u cioe` proceduri fejn illum suppost ghandu d-dritt tas-silenzju.

Illi Harris, O'Boyle & Warbrick, fil-ktieb taghhom *Law of the European Convention on Human Rights* (Second Edition), jghidu hekk:

> "The right to a fair hearing includes freedom from self-incrimination in criminal cases. In one sense, this is an unexpected reading of Article 6(1), in that when Council of Europe member states added to the rights of the accused in the Seventh Protocol to the Convention,

they considered including freedom from self-incrimination but decided not to do so. Nonetheless, the Court's subsequent jurisprudence under Article 6 fills an obvious and unfortunate gap. As the Court stated in *Saunders v UK*, 'the right to silence and the right not to incriminate oneself are generally recognized international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6'." (p 259)

Illi skond gurisprudenza kopjuza tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti ta' Strasbourg, id-dritt tas-silenzju jibda mill-istadju bikri ta' l-investigazzjoni u ma huwiex limitat ghal meta persuna tigi formalment imputata jew akkuzata b'reati kriminali.

Illi l-esponent qieghed jissottometti, ghar-raguni spjegata iktar 'il fuq, li d-dritt tieghu ghal smigh xieraq li qed jigi lez bix-xiehda tieghu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici huwa s-smigh quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali fil-proceduri fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Brian Tonna et.*

Illi qed jigi ghalhekk sottomess li kemm il-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* kif ukoll ir-*Ruling* ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' l-1 ta' Frar, 2023 u r-*Ruling* tal-15 ta' Frar, 2023 huma lezivi tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**2. ksur tad-dritt tieghu tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi r-Regola 4 tal-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* tiddisponi hekk:

> *"A person who, having been duly served with a copy of the warrant as prescribed in article 3 above, fails, without lawful excuse, to appear before the Committee, or having appeared before the Committee refuses to be sworn or, subject to guideline 19 below, to answer questions shall be guilty of contempt of the House and shall be liable to the penalties prescribed in article 11 of the House of Representatives (Powers and Privileges) Ordinance (CAP 113)."*

Illi r-Regola 25 tal-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* tiddisponi hekk:

> *"Subject to guideline 19 above*[1]*, refusing to be sworn or make a solemn affirmation, refusal to answer questions, refusal to produce or destruction of documents in their possession and deliberately attempting to mislead a Committee is a contempt of the House which the House has the power to punish."*

Illi wahda mill-pieni prospettati fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113 tal-Ligijiet ta' Malta) ghal "nuqqas ta' qima" ("contempt") hija dik ta' "prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur".

Illi l-esponent, in vista tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu u l-inkjesti magisterjali fejn huwa wiehed mill-persuni "suspettati", ghamel tentattiv sabiex jipprevalixxi ruhu mid-dritt tas-silenzju, dritt, kif inghad iktar 'l fuq, sancit mill-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali u mill Qorti ta' Strasbourg. Ghalhekk l-esponent jista' potenzjalment, fl-eventwalita` li jinsisti li jipprotegi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq, jigi punit b'piena ta' prigunerija effettiva.

Illi, a parti minn hekk, fis-6 ta' April, 2021 l-esponent nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

---

[1] *"No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her."*

Illi ghalhekk l-esponent mhux biss huwa potenzjalment espost ghall-piena ta' prigunerija minhabba dak li jiddisponi is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza msemmija, izda addirittura espost li jitlef il-helsien mill-arrest tieghu minhabba ksur tal-kundizzjoni indikata.

Illi qed jigi ghalhekk ukoll sottomess li kemm il-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* kif ukoll ir-*Ruling* ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' l-1 ta' Frar, 2023 u r-*Ruling* tal-15 ta' Frar, 2023 huma lezivi tad-dritt tieghu tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent, ghar-ragunijiet premessi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tiddikjara li l-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* jikser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jobbligah jirrispondi ghal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li jiksrulu d-dritt ta' smigh xieraq;

2) Tiddikjara li r-*Ruling* ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' l-1 ta' Frar, 2023 u r-*Ruling* tal-15 ta' Frar, 2023, jiksrulu d-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jobbligawh jirrispondi ghal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li jiksrulu d-dritt ta' smigh xieraq;

3) Tiddikjara li l-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* jikser id-dritt tieghu tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jesponih potenzjalment ghat-telf tal-liberta` personali tieghu fl-eventwalita` li jinsisti li jinvoka d-dritt tas-silenzju;

4) Tiddikjara li r-*Ruling* ta' l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ta' l-1 ta' Frar, 2023 u r-*Ruling* tal-15 ta' Frar, 2023 jiksru d-dritt tieghu tal-liberta` personali sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jesponuh potenzjalment ghat-telf tal-liberta` personali tieghu fl-eventwalita` li jinsisti li jinvoka d-dritt tas-silenzju;

5) Taghti id-direttivi kollha, inkluz danni, sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta' l-esponent kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

***Av. Stephen Tonna Lowell*** ***Av. Norval Desira***

***PL***

Rikorrent: 2A, Hill Valley, Triq il-Gardell, Kappara, San Gwann.

Notifika: Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, Valletta.
Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, Parlament ta' Malta, Valletta.

*Illum*........21 FEB 2023..........................................

*Ippreżentata mill-*......PL Melissa Anastasi

*B/bla dok* .......(2).........dokumenti

... Marie Vella
Deputat Registratur
*Deputy Registrar*
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
*... Courts (Malta)*